**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' Lulju 1997**

**dwar il-lista msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3254/91 u fl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 35/97**

(97/602/KE)

(ĠU L 242, 4.9.1997, p. 64)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Commission Decision 98/188/EC of 2 March 1998 (*) | L 70 | 28 | 10.3.1998 |
| ►M2 | Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/596/KE ta' l-14 ta' Ottubru 1998 | L 286 | 56 | 23.10.1998 |
| ►M3 | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006 | L 352M | 629 | 31.12.2008 |
| ►M4 | Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 | L 158 | 1 | 10.6.2013 |

Emendata minn:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ►A1 | Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea | L 236 | 33 | 23.9.2003 |

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Lulju 1997

## dwar il-lista msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3254/91 u fl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 35/97

(97/602/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropeja,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3254/91 ta' l-4 ta' Novembru 1991 li jipprojbixxi l-użu ta' nasses li jżommu s-saqajn fil-Komunità u l-introduzzjoni fil-Komunità ta' ġlud bil-pil u xi oġġetti fabbrikati minn xi speċji ta' annimali selvaġġi li joriġinaw f'pajjiżi li jaqbduhom permezz ta' nasses li jżommu s-saqajn jew metodi ta' nsib li ma jissoddisfawx l-istandards internazzjonali ta' nsib uman ([1]), u partikolarment it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 35/97 ta' l-10 ta' Jannar 1997 li jippreskrivi dispożizzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni tal-ġlud bil-pil u oġġetti koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3254/91 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 1(1)(a) tiegħu, jgħodd biss rigward l-importazzjoni tal-ġlud bil-pil ta' annimali mhux imwielda u mrobbija fil-magħluq minn pajjiżi illi jidhru fl-elenku fl-Anness għal din id-Deċiżjoni;

Billi l-lista msemmija ġiet stabbilita abbażi ta' l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni minn pajjiżi fiż-żona magħrufa ta' distribuzzjoni ta' l-ispeċi msemmija fl-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 3254/91;

Billi Ftehim Internazzjonali dwar l-Istandards għall-Insib b'Mod Uman intbagħtu lill-Kunsill għall-approvazzjoni; billi huwa xieraq li wieħed iżomm lura minn atti li huma kontra l-għan u l-iskop tal-Ftehim; billi l-lista tinkludi għalhekk il-pajjiżi li approvaw dan il-Ftehim;

Billi, *inter alia*, sakemm issir l-adeżjoni għall-Ftehim Internazzjonali dwar l-Istandardsgħall-Insib b'Mod Uman minn pajjiżi terzi li jiżdiedu jew kwalunkwe sitwazzjoni oħra koperta mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3254/91, din id-Deċiżjoni tista' tkun biss ta' natura transitorja; billi l-lista msemmija qabel għandha tiġi emendata immedjatament skond is-sitwazzjonijiet ġodda, sabiex ma tfixkilx il-kummerċ fil-pil u prodotti relatati mal-pil;

Billi l-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3254/91 u li ġie kkonsultat bil-proċedura bil-miktub fl-20 ta' Diċembru 1996 ma tax opinjoni favorevoli dwar l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tidentifika l-lista ta' pajjiżi awtorizzati,

([1]) ĠU L 308, tad-9.11.1991, p. 1.
([2]) ĠU L 8, tal-11.1.1997, p. 2.

▼B

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

Il-lista ta' pajjiżi li jissoddisfaw għall-inqas waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3254/91 u msemmi fl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 35/97 huwa kontenut fl-Anness għal din id-Deċiżjoni flimkien ma' l-ispeċi kkonċernati.

*L-Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*L-Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M2

*L-ANNESS*

| Pajjiż | Speċi |
|---|---|
| Il-Beliże | *Procyon lotor* |
| ▼M3 ___________ | |
| ▼M2 Il-Kanada | *Canis latrans*<br>*Canis lupus*<br>*Castor canadensis*<br>*Felis rufus*<br>*Lutra canadensis*<br>*Lynx canadensis*<br>*Martes americana*<br>*Martes pennanti*<br>*Mustela erminea*<br>*Ondatra zibethicus*<br>*Procyon lotor*<br>*Taxidea taxus* |
| Ir-Repubblika taċ-Ċina | *Canis lupus*<br>*Martes zibellina*<br>*Mustela erminea*<br>*Ondatra zibethicus* |
| ▼M4 ___________ | |
| ▼A1 ___________ | |
| ▼M2 El Salvador | *Procyon lotor* |
| Groenlandja | *Canis lupus* |
| ▼A1 ___________ | |
| ▼M2 Il-Ġordan | *Canis lupus* |
| Ir-Repubblika tal-Korea | *Martes zibellina*<br>*Canis lupus* |

▼M2

| Pajjiż | Speċi |
|---|---|
| Il-Lebanon | *Canis lupus* |
| Il-Messiku | *Canis lupus*<br>*Castor latrans*<br>*Castor canadensis*<br>*Felis rufus*<br>*Ondatra zibethicus*<br>*Procyon lotor*<br>*Taxidea taxus* |
| Il-Moldova | *Canis lupus*<br>*Mustela erminea* |
| In-Nikaragwa | *Procyon lotor* |
| In-Norveġja | *Canis lupus*<br>*Mustela erminea*<br>*Ondatra zibethicus* |
| Il-Pakistan | *Canis lupus*<br>*Mustela erminea* |
| Il-Panama | *Procyon lotor* |
| ▼A1<br>———— | |
| ▼M3<br>———— | |
| ▼M2<br>Il-Federazzjoni Russa | *Canis lupus*<br>*Martes zibellina*<br>*Mustela erminea*<br>*Ondatra zibethicus*<br>*Procyon lotor* |
| ▼A1<br>———— | |
| ▼M2<br>It-Turkija | *Canis lupus* |
| L-Istati Uniti ta' l-Amerika | *Canis latrans*<br>*Canis lupus*<br>*Castor canadensis*<br>*Felis rufus*<br>*Lutra canadensis*<br>*Lynx canadensis*<br>*Martes americana*<br>*Martes pennanti*<br>*Mustela erminea*<br>*Ondatra zibethicus*<br>*Procyon lotor*<br>*Taxidea taxus* |